# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 526/2012**

Il-Pulizija

vs

**Roderick Farrugia**

iben Charles, imwieled Pieta', fis-27 ta' April, 1978, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 229578(M)

Illum, 10 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Roderick Farrugia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-21 ta' Settembru, 2011 ghal habta tal-hams a ta' fil-ghodu u fil-granet ta' qabel f'diversi hinijiet waqt li kien gewwa l-fond Soleil Court, Flat 1, Triq ir-Ramel, San Pawl l-Bahar, dejjaq lill-girien tieghu cioe' lil Pauline Scerri u lil George Scerri bi hsejjes tal-air conditioner tieghu li jinsab fil-bitha tal-imsernmi fond.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u kkundannatu €58 ammenda. Il-Qorti rat l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat lill-imputat Roderick Farrugia biex ihallas €1074.17 spejjes inkorsi f'din il-kawza.

Rat ir-rikors tal-appellant Roderick Farrugia tat-12 ta' Novembru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fis-6 ta' Novembru, 2012 u tilliberah minn kull akkuza u htija,

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

l. Illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti kif jirizultaw u li kellha b'mod imemdjat tillibera lill-applellant mill-akkuza ewlenija kontra tieghu.

2. Illi l-Qorti kellha la darba hawnhekk hi stess hasset li kellha tappunta espert biex jaghti opinjoni li ma hiex kontradetta minn xejn u din ma tirrizultax l-anqas mid-decide tal-istess sentenza, ma kellha ebda prova ohra kontrarja, tillibera lill-istess appellant.

3. Illi hawn si tratta ta' procedura kirminali u allura aktar u aktar l-qorti kellha taghmel test stabilit fil-procedura kriminali li tillibera kemm il-darba il-provi ma jwaslux ghall-konvinciment morali.

4. Salv aggravji ohra inkluz l-applikabilita tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan minghajr pregudizzju ghal dak li nghad aktar hawn 'l fuq fl-aggravji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda hsejjes kawzati minn air conditioning unit installat fil-fond hawn fuq indikat.

Illi l-ewwel Qorti kienet hatret espert tekniku biex jivverifika l-ilment min-naha tal-parte civile li dan il-unit kien qed jikkawza nkonvenjent billi kien hemm il-hsejjes fil-bitha ta' l-imsemmi fond.

Illi l-perizija teknika kkonkludiet li l-hsejjes kien fil-limiti tar-regolamenti u apparti dan il-fatt il-hsejjes kienu kawzati minn units ohra.

Illi fil-mori ta' dan l-appell il-parte civile nfurmat lil din il-Qorti li l-kompressur tal-unit in kwistjoni kien iccaqlaq minn fejn kien u ghalhekk illum ma hemm ebda lment min-naha tal-parte civile.

Illi mill-perizija teknika ma tirrizulta ebda htija tal-appellant.

Ghaldaqstant, ghal din ir-raguni din il-Qorti tilqa l-appell ta' Roderick Farrugia.  Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.